MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 1256/2010

**Vodafone Limited (C-10865)**
**Vs**
**Mary Pace (K.I. 170969M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' hames mija, sebgha u sittin ewro u tmienja u hamsin centezmi (€567.58) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici a bazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (document 'A' ta' rendikont anness mat-talba) ghal servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat.

Illi l-intimata giet nterpellata diversi drabi sabiex thallas il-pagament effettiv izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-12 ta’ Ottubru, 2010 mill-Avukat Dr. Charlene Briffa u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal u ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, fic-crkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba bl-ispejjez u interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------